

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2224

tas-16 ta' Novembru 2021

li jistabbilixxi d-dettalji tal-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-data, l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-data u l-istandards minimi tal-kwalità għall-ħżin tad-data, skont l-Artikolu 37(4) tar-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 37(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/818, flimkien mar-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri, il-viża, il-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni.
- (2) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data u jiġu armonizzati r-rekwiżiti tal-kwalità, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti d-dettalji tal-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-data, l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-data u l-istandards minimi tal-kwalità għad-data mdaħħla u maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni sottostanti tal-UE, is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u r-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità.
- (3) Jenħtieġ li daww il-miżuri jiġu implimentati u vvalutati mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti għal kull sistema ta' informazzjoni tal-UE u l-komponent tal-interoperabbiltà. Biex twettaq dawn il-kompiti, jenħtieġ li l-eu-LISA tingħata pariri minn esperti mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni li jużaw is-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE.
- (4) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi u l-proċeduri għall-kontroll tal-kwalità tad-data jiddeterminaw il-konformità tad-data tal-input mar-regoli tal-imblukkar u daww mhux vinkolanti applikabbli għas-sistemi ta' informazzjoni sottostanti tal-UE, għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku u għar-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità. L-eu-LISA jenħtieġ li tkun responsabbli biex tiżgura li r-regoli dwar il-kwalità tad-data jibqgħu xierqa biex jintlaħqu l-oġettivi tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u tal-komponenti tal-interoperabbiltà.
- (5) Għal kull indikatur tal-kontroll tal-kwalità, jenħtieġ li l-eu-LISA tiddetermina u tivvaluta l-adegwatezza tal-istandard minimu ta' kwalità indispensabbli għall-ħżin tad-data fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u fil-komponenti tal-interoperabbiltà. Jenħtieġ li l-istandards tal-kwalità tad-data jippermettu l-identifikazzjoni awtomatika ta' sottomissjonijiet ta' data apparentement inkorretti jew inkonsistenti, sabiex l-Istat Membru ta' oriġini jkun jista' jivverifika d-data u jwettaq kwalunkwe azzjoni ta' rimedju meħtieġa.

⁽¹⁾ ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

- (6) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi tat-tindif u tal-identifikazzjoni tal-problemi tad-*data* jiġu stabbiliti sabiex jivverifikaw b'mod regolari l-validità u l-konformità tad-*data* maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni sottostanti tal-UE u l-komponenti tal-interoperabbiltà mal-istandards tal-kwalità tad-*data*.
- (7) Jenħtieġ li l-eu-LISA tiżgura kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-*data* u għall-produzzjoni ta' rapporti dwar il-kwalità tad-*data* fuq bażi regolari lill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn ir-rapporti jiġu prodotti mir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818 u r-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/2222 ⁽³⁾.
- (8) Billi r-Regolament (UE) 2019/818 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka nnotifikat l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/818 fid-dritt nazzjonali tagħha. Għaldaqstant hija marbuta b'dan ir-Regolament.
- (9) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem ⁽⁴⁾. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (10) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ⁽⁵⁾, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ⁽⁶⁾.
- (11) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ⁽⁷⁾ li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ⁽⁸⁾.
- (12) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ⁽⁹⁾, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE ⁽¹⁰⁾.

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/2222 30 Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati dwar l-operat tar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika. (Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

⁽⁴⁾ Dan ir-Regolament ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

⁽⁵⁾ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

⁽⁷⁾ ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

⁽⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

⁽⁹⁾ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

- (13) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew huwa marbut mod ieħor miegħu, skont it-tifsira, rispettivament, tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.
- (14) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾ u ta opinjoni fit-30 ta' April 2021.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Interoperabbiltà,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni u suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi d-dettalji tal-mekkaniżmi u l-proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* dwar id-*data* maħżuna fis-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll dettalji dwar l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* u l-istandards minimi tal-kwalità għall-*ħżin* tad-*data*, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* bijometrika, fis-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.
3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika dwar il-kwalità tad-*data* relatata mas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.
4. Dan ir-Regolament japplika għas-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "*data* tal-input" tfisser *data*, soġġetta għal verifiki tal-kwalità tad-*data* għall-fini li tinħażen f'sistema ta' informazzjoni jew komponent tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818;
- (b) "mekkaniżmu tat-tindif tad-*data*" tfisser mekkaniżmu li jwettaq kontrolli sabiex jiżgura t-*tħassir* skedat tad-*data* maħżuna f'sistema ta' informazzjoni jew komponent tal-interoperabbiltà tal-UE f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;
- (c) "mekkaniżmu ta' detezzjoni tal-problemi" tfisser mekkaniżmu li jwettaq kontrolli sabiex jidentifika *data* li ma tissodisfax ir-regoli jew l-istandards tal-kwalità tad-*data*;

⁽¹¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (d) “regoli tal-imblukkar” tfisser regoli jew sett ta’ regoli li jkejlu l-grad sa fejn id-*data* tal-input tkun konformi ma’ rekwiżiti tad-*data* definiti li jikkundizzjonaw il-ħżin jew l-użu tagħha jew it-tnejn li huma. Dawn jinkludu wkoll regoli dwar il-kwalità tad-*data* li jirregolaw kull sistema ta’ informazzjoni tal-UE li jridu jiġu osservati qabel ma d-*data* tkun tista’ tiddaħħal fis-sistema. Id-*data* tal-input li ma tikkonformax ma’ regola tal-imblukkar tiġi rrifjutata milli tiddaħħal u tinħażen fis-sistema ta’ informazzjoni u fil-komponent tal-interoperabbiltà tal-UE;
- (e) “regoli mhux vinkolanti” tfisser regoli jew sett ta’ regoli li jkejlu l-grad sa fejn id-*data* tal-input tkun konformi mar-rekwiżiti tad-*data* definiti li jikkundizzjonaw ir-rilevanza tagħha jew l-aħjar użu tagħha jew it-tnejn li huma. Regoli mhux vinkolanti ma għandhomx jipprevjenu d-dħul u l-ħżin ta’ *data* tal-input mhux konformi. Dawn jinkludu wkoll regoli dwar il-kwalità tad-*data* li jirregolaw kull sistema ta’ informazzjoni tal-UE li għandhom jiġu segwiti qabel ma d-*data* tkun tista’ tiddaħħal fis-sistema. Id-*data* tal-input li ma tikkonformax ma’ regola mhux vinkolanti għandha tiddaħħal fis-sistema ta’ informazzjoni tal-UE jew il-komponent tal-interoperabbiltà b’indikatur avviż jew messaġġ ta’ twissija dwar problema fil-kwalità tad-*data*.

Artikolu 3

Mekkaniżmi u proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data*

1. Għandhom jitwettqu kontrolli awtomatizzati tal-kwalità fuq id-*data* mdaħħla u maħżuna fis-servizz kondiviż ta’ tqabbil bijometriku u fir-repożitorju komuni ta’ informazzjoni dwar l-identità f’konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 4.
2. Għandhom jitwettqu kontrolli awtomatizzati tal-kwalità fuq id-*data* mdaħħla u maħżuna fis-sistemi ta’ informazzjoni tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818 f’konformità mar-regoli li jirregolaw il-mekkaniżmi ta’ kontroll tal-kwalità tad-*data* f’dawk is-sistemi.
3. Il-mekkaniżmi ta’ kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jiġu skattati skont ir-regoli li jirregolaw il-kwalità tad-*data* f’dawk is-sistemi ta’ informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE.
4. Sabiex tiġi ddeterminata l-konformità tad-*data* tal-input mar-regoli tal-imblukkar jew tar-regoli mhux vinkolanti li japplikaw għalihom, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu konformi mat-Taqsima 1 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.
5. Jekk id-*data* tal-input trid tiddaħħal fis-sistema ta’ informazzjoni tal-UE jew fil-komponenti tal-interoperabbiltà msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jivvalutaw il-punt sa fejn id-*data* tikkonforma ma’ kull indikatur tal-kwalità tad-*data* billi japplikaw l-istandard tal-kwalità tad-*data* ta’ kull indikatur. Bħala riżultat ta’ dik il-valutazzjoni, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jassenjaw klassifikazzjoni tal-kwalità tad-*data* għad-*data* tal-input skont il-proċess stabbilit fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Anness għal dan ir-Regolament.
6. L-indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* għandhom ikunu dawn li ġejjin: il-kompletezza, l-akkuratezza, it-tempestività, l-uniċità u l-konsistenza.
7. L-eu-LISA għandha timplimenta l-istandards tal-kwalità tad-*data* għal kull indikatur skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 5.
8. Il-mekkaniżmi tat-tindif u tal-identifikazzjoni tal-problemi tad-*data* għandhom jivverifikaw b’mod regolari l-validità u l-konformità tal-kwalità tad-*data* maħżuna fis-sistemi ta’ informazzjoni u fil-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818, f’konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għad-*data* mdaħħla u maħżuna

1. Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-*data*, għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* biex jappoġġaw id-dħul u l-ħżin ta’ *data* li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data* fis-sistemi ta’ informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/818. Id-*data* għandha tiddaħħal u tinħażen skont ir-regoli li jirregolaw il-kwalità tad-*data* f’dawk is-sistemi ta’ informazzjoni jew komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE.

2. Għall-fini tad-dħul tad-*data* mill-persunal debitament awtorizzat fis-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/818, il-mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità għandhom jivverifikaw l-indikaturi komuni tal-kwalità msemmija fit-Taqsima 2 tal-Anness għal dan ir-Regolament.

3. Il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli tal-imblukkar u regoli mhux vinkolanti skont l-Artikolu 3(4) li jirregolaw il-kwalità tad-*data* fis-Sistemi ta' Informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.

Artikolu 5

Proċeduri li jirregolaw l-indikaturi, l-istandards u l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*

1. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli biex tiżgura li r-regoli dwar il-kwalità tad-*data* jkunu xierqa biex jintlaħqu l-oġġettivi tas-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/818.

2. L-eu-LISA għandha tkun responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni tal-istandards minimi tal-kwalità għall-*ħżin* ta' *data* bijometrika fis-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/818.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha tqis il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull sistema ta' informazzjoni u komponent tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) Nru 2019/818 u għandha tkun assistita u mogħtija pariri minn esperti mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u mill-aġenziji tal-Unjoni li jużaw dawn is-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE.

4. Għandhom japplikaw il-proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* li ġejjin:

- (a) L-eu-LISA għandha timplimenta l-istandards tal-kwalità tad-*data* għal kull indikatur tal-kwalità tad-*data* f'konformità mat-Taqsima 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-valuri għandhom jiġu assenjati għall-istandards b'mod separat għal kull wieħed mill-indikaturi tal-kwalità tad-*data* msemmija fl-Artikolu 3(6). Għal kull indikatur, l-istandards jistgħu jassenjaw valuri differenti skont il-kategorija tad-*data*;
- (c) meta jkun meħtieġ u wara l-ħruġ tar-rapporti regolari dwar il-kwalità tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 6, l-eu-LISA għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-valuri u l-istandards u temendahom skont fejn ma jkunux xierqa;
- (d) meta jkun meħtieġ u wara l-ħruġ tar-rapporti regolari dwar il-kwalità tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 6, l-eu-LISA għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* li jippermettu l-applikazzjoni ta' regoli tal-imblukkar u regoli mhux vinkolanti u temendahom fejn rilevanti;
- (e) bil-*ħsieb* li jiġu emendati l-istandards tal-kwalità tad-*data* u l-valuri tagħhom, u li tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* skont il-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu, l-eu-LISA għandha tikkonsulta lill-Gruppi Konsultattivi għal kull waħda mis-sistemi ta' informazzjoni u l-komponenti tal-interoperabbiltà tal-UE msemmija fl-Artikolu 37(1) tar-Regolament (UE) 2019/818.

5. L-eu-LISA għandha toqgħod fuq il-valutazzjoni tal-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tad-*data* bil-*ħsieb* li jiġu emendati l-valuri tal-istandards tal-kwalità tad-*data* u li tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità tad-*data*.

Artikolu 6

Rapporti dwar mekkaniżmi u proċeduri awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* u indikaturi komuni tal-kwalità tad-*data* skont l-Artikolu 37(3) tar-Regolament (UE) 2019/818

1. Ir-rapporti msemmija fl-Artikolu 37(3) tar-Regolament (UE) 2019/818 għandhom jiġu prodotti mir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2019/818 u r-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2021/2222.

2. Ir-rapporti ma għandhomx jinkludu *data* personali u jinkludu mill-inqas il-metrika ta' informazzjoni li ġejja dwar il-kwalità tad-*data*, estratta permezz ta' għodda jew sett ta' għodod żviluppati għal dawn l-iskopijiet:

- (a) għal *data* alfanumerika u bijometrika vvalutata skont ir-regoli tal-imblukkar u r-regoli mhux vinkolanti, il-konformità mal-indikaturi tal-kwalità tad-*data*:
 - (1) komplettezza (%);
 - (2) akkuratezza (%);
 - (3) uniċità (%);
 - (4) tempestività (%);
 - (5) konsistenza tad-*data* (%);
 - (b) komplettezza tal-fajls tal-applikazzjoni (%);
 - (c) il-konformità tad-*data* mal-klassifikazzjoni ta' "kwalità tajba" (%);
 - (d) il-konformità tad-*data* mal-klassifikazzjoni ta' "kwalità baxxa" (%);
 - (e) ir-riżultati tal-mekkaniżmu tat-tindif tad-*data*;
 - (f) ir-riżultati tal-mekkaniżmu ta' detezzjoni tal-problemi;
 - (g) kampijiet tad-*data* li jikkawżaw problemi frekwenti ta' kwalità;
 - (h) lista tal-ogħla 10 problemi għal kull waħda mill-kategoriji msemmija fil-punti (a) sa (g);
 - (i) l-Istati Membri kkonċernati mill-ogħla 10 problemi ta' kwalità.
3. L-eu-LISA għandha tiżviluppa kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-*data* u għall-produzzjoni tar-rapporti msemmija f'dan l-Artikolu kull ġimgħa.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2021

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

TAQSIMA 1

Mekkaniżmu awtomatizzat għall-kontroll tal-kwalità tad-data biex tiddaħħal id-data

Id-*data* mdaħħla fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-komponenti tal-interoperabilità se tkun soġġetta għal mekkaniżmi awtomatizzati għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* bbażati fuq regoli tal-imblukkar u regoli mhux vinkolanti kif definiti fl-Artikolu 2. Dawn huma r-regoli stabbiliti fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u l-komponenti tal-interoperabilità li jiddeterminaw jekk id-dħul u l-ħżin tad-*data* tal-input għandhomx ikunu permessi jew rifjutati. Ir-regoli tal-imblukkar u dawk mhux vinkolanti huma stabbiliti fuq il-bażi tal-parametri li ġejjin: it-tul, il-format, it-tip, il-konformità mal-istandards tal-kwalità, is-semantiċi, ripetizzjoni u s-sintassi.

TAQSIMA 2

Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar l-indikaturi komuni tal-kwalità tad-data u l-istandards minimi tal-kwalità għad-data li għandha tiddaħħal

Id-*data* tal-input soġġetta għall-proċess ta' verifika tal-kwalità għandha tiġi vvalutata skont ir-regoli tal-kwalità tad-*data* definiti f'kull sistema ta' informazzjoni tal-UE u komponent tal-interoperabilità, kif stabbilit fit-Taqsima 1. Jekk ir-regoli li japplikaw għad-*data* tal-input ma jipprevjenux id-dħul u l-ħżin, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom ikejlu l-kwalità tad-*data* tal-input billi jużaw l-indikaturi tal-kwalità tad-*data* li japplikaw għalihom.

Il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom ikejlu l-kwalità tad-*data* tal-input skont kull indikatur rilevanti. Il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom iqisu koeffiċjent tal-użin biex jikkalkulaw il-piż relattiv ta' kull indikatur fuq il-kwalità ġenerali tad-*data* tal-input.

Għal dan il-għan, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jiġu adattati biex japplikaw għal ġabra unika ta' *data* f'rekord, jew għal bażi tad-*data*.

Wara li jiġi applikat il-koeffiċjent tal-użin għad-*data* tal-input, il-mekkaniżmi għall-kontroll tal-kwalità tad-*data* għandhom jipproduċu profil tad-*data* tal-input li jkun fih ir-riżultati tal-applikazzjoni tal-istandards tal-indikatur, pereżempju valuri numeriċi li jevalwaw il-kwalità tad-*data* tal-input taħt kull indikatur.

It-Tabella 1 telenka s-sett minimu ta' indikaturi tal-kwalità tad-*data*, pereżempju indikaturi li għandhom japplikaw dejjem għad-*data* tal-input, f'konformità mar-regoli applikati minn kull sistema ta' informazzjoni u komponent tal-interoperabilità tal-UE. Dawn l-indikaturi huma dawn li ġejjin: komplettezza, akkuratizza, konsistenza, tempestività, uniċità.

Tabella 1

Lista ta' indikaturi minimi tal-kwalità tad-data

<i>L</i> -indikatur	Deskrizzjoni	Kamp ta' applikazzjoni prinċipali	Unità ta' kejl
Kompletezza	Tfisser il-grad sa fejn id- <i>data</i> tal-input għandha valuri għall-attributi kollha mistennija u r-rekwiżiti relatati f'kuntest speċifiku tal-użu. Tkejjel jekk id- <i>data</i> obligatorja kollha tkunx ipprovduta u jekk l-ejenkar tal-bażi tad- <i>data</i> (jew settorjali) jissodisfax id-domandi stabbiliti.	Oqsma ta' <i>data</i> obligatorji (alfanumeriċi u bijometriċi)	Ir-rata ta' komplettezza tad- <i>data</i> : proporzjon tan-numru ta' ċelloli tad- <i>data</i> pprovduti għan-numru ta' ċelloli tad- <i>data</i> meħtieġa
Akkuratezza	Tfisser il-grad sa fejn id- <i>data</i> tal-input tirrappreżenta l-qribija tal-istimi għall-valuri reali mhux magħrufa. Tista' tkun waħda jew it-tnejn li huma fost <i>data</i> dwar entità waħda u <i>data</i> simili għal entitajiet komparabbli	<i>Data</i> alfanumerika u bijometrika	Ir-rati ta' żball fit-teħid tal-kampjun, ir-rata unitarja tan-nuqqas ta' tweġib, rata tan-nuqqas ta' tweġib parzjali, rata tal-qbid ta' żbalji ta' <i>data</i> , eċċ.

Konsistenza	Tfisser il-grad sa fejn id- <i>data</i> tal-input għandha attributi li jkunu ħielsa minn kontradizzjoni u jkunu koerenti ma' <i>data</i> oħra f'kontest speċifiku ta' użu. Tkejjel il-grad sa fejn sett ta' <i>data</i> jissodisfa regoli tan-negozju definiti li japplikaw għal din id- <i>data</i> bejniethom, tfisser in-nuqqas ta' kunflitt fil-kontenut tad- <i>data</i> . Tista' tkun waħda jew it-tnejn li huma fost <i>data</i> dwar entità waħda u <i>data</i> simili għal entitajiet komparabbli.	<i>Data</i> alfanumerika	Perċentwali
Tempestività	Tfisser il-grad sa fejn id- <i>data</i> tal-input tiġi pprovduta f' <i>data</i> jew f'ħin predefiniti li jikkundizzjonaw il-validità tad- <i>data</i> jew il-kuntest tal-użu tagħha. Tkejjel kemm tkun aġġornata d- <i>data</i> , u jekk id- <i>data</i> meħtieġa tistax tiġi pprovduta saż-żmien meħtieġ.	<i>Data</i> alfanumerika u bijometrika	Intervall ta' ħin - finali: għadd ta' jiem mill-aħħar jum tar-referenza sal-jum li fih tiġi pprovduta d- <i>data</i> tal-input
L-uniċità	Tfisser il-grad sa fejn id- <i>data</i> tal-input ma tiġix duplikata fl-istess sistema ta' informazzjoni jew komponent tal-interoperabilità tal-UE.	Oqsma ta' <i>data</i> obligatorji (alfanumeriċi u bijometriċi)	Perċentwali ta' unitajiet tad- <i>data</i> li mhumiex duplikati

L-indikatur tal-preċiżjoni għad-*data* bijometrika jinkludi wkoll ir-riżoluzzjoni. Ir-riżoluzzjoni tkejjel il-grad sa fejn id-*data* tal-input jkun fiha l-ammont meħtieġ ta' punti jew pixels skont l-unità tat-tul. Unità li għandha tintwera fuq il-pixel tal-iskrin: *unità pi* għall-istampar; *dot pi* għal sistemi ta' output. Pixel bits wieħed jew aktar (firxa ta' kuluri Perez.: 16-il kulur 4b, 256 8b, 16b 65k, 24b 16,5 miljun).

TAQSIMA 3

Klassifikazzjoni tal-Kwalità tad-Data

Wara l-iżvilupp tal-profil tad-*data* tal-input, imsemmi fit-Taqsima 2, id-*data* tal-input għandha tiġi assenjata klassifikazzjoni tal-kwalità tad-*data*. Għandhom japplikaw il-klassifikazzjonijiet tal-kwalità tad-*data* li ġejjin:

- "kwalità tajba" tfisser il-profil tad-*data* tal-input juri l-konformità meħtieġa mal-indikatur tal-kwalità tad-*data* applikabbli;
- "kwalità baxxa" tfisser il-profil tad-*data* tal-input ma jurix il-konformità meħtieġa mal-indikatur tal-kwalità tad-*data* applikabbli, fil-każ ta' regola mhux vinkolanti;
- "rifjutata" tfisser il-profil tad-*data* tal-input ma jurix il-konformità meħtieġa mal-indikatur tal-kwalità tad-*data* applikabbli f'każ ta' regola tal-imblukkar.

Meta d-*data* tal-input tiġi assenjata bi klassifikazzjoni ta' "kwalità tajba", id-*data* għandha tinħażen fis-sistema jew fil-komponent mingħajr ebda twissija dwar il-kwalità tad-*data*.

Meta d-*data* tal-input tiġi assenjata klassifikazzjoni ta' "kwalità baxxa", id-*data* għandha tinħażen fis-sistema jew il-komponent u bi twissija dwar il-kwalità tad-*data*. Twissija għandha tindika li d-*data* tal-input għandha tiġi rettifikata u r-raġuni għaliex id-*data* tal-input ma turix il-konformità meħtieġa mal-indikatur tal-kwalità tad-*data* applikabbli. Meta possibbli, it-twissija għandha tidentifika l-qasam/oqsma tad-*data* jew il-kontenut (i) tad-*data* jew it-tnejn affettwati minn kwistjonijiet ta' kwalità tad-*data* u tissuġġerixxi l-bidliet meħtieġa biex id-*data* tal-input tissodisfa l-klassifikazzjoni ta' "kwalità tajba".

TAQSIMA 4

Monitoraġġ tal-kwalità tad-data

Għall-finijiet tal-Artikolu 3(8) għandhom jintużaw żewġ tipi ta' mekkaniżmi:

- (a) Mekkaniżmi għat-tindif tad-*data*. Mekkaniżmi bħal dawn għandhom iwettqu kontrolli biex jidentifikaw *data* li l-perjodu ta' żamma tagħha jkun inqas miż-żmien definit fil-leġiżlazzjoni li tirregola s-sistema ta' informazzjoni jew il-komponent tal-interoperabilità rilevanti tal-UE. Il-mekkaniżmi għat-tindif tad-*data* għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru dwar it-tħassir skedat tad-*data* u jippermettulhom jadottaw, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri xierqa.
- (b) Mekkaniżmi ta' detezzjoni ta' kwistjonijiet. Mekkaniżmi bħal dawn għandhom iwettqu kontrolli biex jidentifikaw id-*data* li ma għadhiex tissodisfa regola jew standard tal-kwalità tad-*data* wieħed jew aktar relatati mal-indikaturi tal-kwalità tad-*data*. Verifiki bħal dawn jistgħu jirritornaw twissija jew notifika lill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru li tindika r-raġuni għaliex id-*data* ma għadhiex tissodisfa regola jew standard tal-kwalità tad-*data* waħda jew aktar. Meta possibbli, it-twissija għandha tissuġġerixxi l-bidliet meħtieġa biex id-*data* tal-input tissodisfa r-regoli jew l-istandards il-ġodda. L-applikazzjoni ta' kontrolli bħal dawn fl-ebda każ ma għandha twassal għat-tħassir awtomatizzat ta' *data* mażżuna fis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew fil-komponenti tal-interoperabilità. Meta tkun qed tiddaħħal *data* ġdida fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE jew f'komponent tal-interoperabilità waqt li jkun qegħ jitħaddmu l-mekkaniżmi ta' detezzjoni tal-ħruġ, il-mekkaniżmi ta' detezzjoni tal-ħruġ ma għandhomx japplikaw għal din id-*data*.

eu-LISA tista' tiddeċiedi li mekkaniżmi għad-detezzjoni ta' kwistjonijiet *ad hoc* għandhom jitwettqu fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE u fil-komponenti tal-interoperabilità mar-reviżjoni tar-regoli jew tal-istandards tal-kwalità tad-*data*.

eu-LISA tista' tikkonsulta lill-Grupp Konsultattiv għal waħda mis-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew il-komponenti tal-interoperabilità dwar jekk għandhiex twettaq mekkaniżmi ta' detezzjoni ta' ħruġ *ad hoc* fis-sistema ta' informazzjoni tal-UE jew il-komponent tal-interoperabilità korrispondenti tagħha sa fejn ikun meħtieġ għall-finijiet ta' din is-sistema ta' informazzjoni jew il-komponent tal-interoperabilità tal-UE.